MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2005

Numru 581/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Maria Dolores Cassar**

**Illum 15 ta' Gunju, 2005**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Maria Dolores Cassar ta' 53 sena, bint Anthony Cassar u Rosina nee` Debattista, imwielda Santa Venera fil-06.04.1951, u li toqghod f'l-indirizz: "Silvan Court" 2, Triq Edgar Bernard, Gzira Detentur tal-karta' ta' l-identita numru 350551M giet akkuzata:

Talli fl-14 ta’ Gunju 2004 u f’dati precedenti, f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezz kontra il-ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta’ aktar minn Lm700 bi hsara ta’ Anthony Mangion, Gladys Debono, Therese Bonello, Violet Mallia, Natalie Galea u Tessie Camilleri.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok JC 3 u nnutat li l-imputata m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputata ammettiet l-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina iddikjara li l-imputata kkoperat mal-Pulizija u li kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti minnu llum markati minn Dok JC 5 sa Dok JC 8, jirrizulta li l-imputata hallset dak kollu dovut lill-parte civile.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 308 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Maria Dolores Cassar fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u l-fatt li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Cordina iddikjara li l-imputat kkoperat mal-Pulizija u li kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti minnu llum markati minn Dok JC 5 sa Dok JC 8, jirrizulta li l-imputata hallset dak kollu dovut lill-parte civile u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputata Maria Dolores Cassar ghall-piena ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum l-imputata Maria Dolores Cassar tikkommetti reati iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Maria Dolores Cassar l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------